MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 562/2009

**Go p.l.c.**
**(C – 22334)**

**vs**

**Jimmy Vassallo**
**(I.D. 135678M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta' elf, mitejn u hmistax-il ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€1,215.21), in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri SC 005196/7, skont kif jirrizulta mid-dokument anness mal-avviz tat-talba, immarkat Dok A.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.
Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 20 ta' Frar, 2009 mibghuta ai terminu ta' l-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-

Ligijiet ta’ Malta u bl-imghaxijiet mid-data ta’ l-ahhar pagament u cioe’ mis-7 ta’ Novembru, 2005 kontra l-konvenut li gie ngunt in subizzjoni

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ elf, mitejn u hmistax-il ewro u wiehed u ghoxrin centezmi (€1,215.21), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------